**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 14**
**Appell Nru: 94/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Josric Mifsud )**

**Vs**

**SEAN PACE**

**Illum, 25 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Sean Pace talli fil-Liquid Club, limiti ta'San Gwann, u fi bnadi ohra f'Malta, f'hinijiet differenti, fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta'Dicembru, 2000, u s-sena ta'qabel, kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5 (1) ta' l-Avviz Legali 22 tal-1985, kif sussegwentement emendat, u l-Artikoli 35 (b) {illum 40 (A)} u 89 A {illum 120 A}, u t-tielet skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), u l-Artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985 kif emendat.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fit-3 ta'Mejju, 2001, li biha ma sabetx lill-Sean Pace hati ta' din l-akkuza, u, kwindi, illiberatu minnha.

Rat ir-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali datat 18 ta'Mejju, 2001, li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi filwaqt li tiddikjara w ssib htija fl-appellat Sean Pace, tinfliggi fuqu piena karcerarja u/jew pekunjarja skond il-ligi.

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti, u l-atti processwali.

Rat ir-risposta ta' l-appellat ghar-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali.

Semghet it-trattazzjoni.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi fil-fehma ta' l-appellant Avukat Generali, l-ewwel Qorti erroneament illiberat lill-appellat Sean Pace meta mill-istqarrija tieghu stess, esebita w mhux kontestata dwar il-volontarjeta' tal-kontenut taghha, jirrizulta manifestament li dan Sean Pace kien xjentement fil-pussess ta'pilloli Ecstasy tant li anke stqarr li uzahom ghalih innifsu. Dan il-jedd ta'appell moghti lill-Avukat Generali jirrizulta mid-dispost ta' l-Artikolu 123 A tal-Kap. 31 stante li l-appellat kien akkuzat b'reat taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 120A ta' dan il-Kap.

Mill-mod kif imposta l-aggravju tieghu, hi l-fehma ta' din il-Qorti li bazikament l-appellant Avukat Generali qed jghid li in bazi tal-provi li kellha l-ewwel Qorti, hi ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li l-appellat ma kienx hati ta' l-akkuza dedotta kontrih. Hu minnu li fir-rikors t'appell tieghu, l-appellant jghid ukoll x'jahseb li setghet kienet ir-raguni, ghalkemm wahda remota kif jghid, li waslet l-ewwel Qorti ghad-decizjoni ta'liberazzjoni li hadet,

pero' din hi biss supposizzjoni ta' l-appellant u bla ebda mod din ir-raguni remota ma tirrizulta mis-sentenza appellata jew minn xi verbal fl-atti.

Ghalhekk din il-Qorti ma tistghax tassumi, bhal ma qed jassumi l-appellant, li l-ewwel Qorti kienet ma sabetx lil-appellat hati fuq ir-raguni ipotezzata mill-appellant. Ghal din il-Qorti l-unika raguni l-ghaliex l-ewwel Qorti dehrilha li ma setghetx issib htija fl-appellat hi dik imsemmija minnha fis-sentenza, u cioe', illi skond hi, "*il-fatti dedotti fl-akkuza ma gewx sodisfacentement provati skond il-ligi*", u xejn aktar.

Dan ifisser, mela, li l-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni wara li kienet ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi w in bazi ta' l-istess. Hi kwistjoni, ghalhekk, purament ta'apprezzament tal-provi.

Issa l-unika prova li hemm fl-atti hi l-istqarrija ta' l-appellat li volontarjament u inkondizzjonatament jammetti li f'xi zewg okkazzjonijiet, cioe' dik tal-lejl bejn is 7 u t-8 ta'Dicembru, 2000, u xi okkazzjoni qabel, kien ha w ikkonsma ghalih innifsu, tlett pilloli li hu jghid li ma jiftakarx jekk kienux Ecstasy, kif issuggerielu li kienu l-Ispettur Investigattiv. Jirrizulta mill-atti li z-zewg nahat qablu li jistriehu biss fuq din l-istqarrija ta' l-appellat u li, ghalhekk, iddikjaraw li ma kienx hemm aktar provi x'jingiebu f'dawn il-proceduri. Imbaghad l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha ta'liberazzjoni ghaliex dehrilha li in bazi ta' din l-unika prova li hemm, il-fatti kif dedotti fl-akkuza ma gewx ipprovati sal-grad li trid il-ligi.

Issa din il-Qorti ta'Revizjoni mhiex qedha hawnhekk sabiex tipprova issib hi xi raguni remota l-ghaliex l-ewwel Qorti ddecidiet hekk, bhal ma donnu qed jipotesizza l-appellant Avukat Generali w jitlobha li effettivament taghmel. Din il-Qorti trid tara biss jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal dik il-konkluzzjoni li hadet in bazi ta' din l-unika prova li hemm.

Din il-Qorti tifhem l-ghaliex l-ewwel Qorti waslet ghal dik il-konkluzzjoni taghha. L-appellat jghid fl-istqarrija tieghu li **ma jiftakarx** x'kienu l-pilloli li kien ikkonsma. Jigi rilevat li minn din l-istqarrija kien biss l-Ispettur li kien qed

jinterrogah li ssuggerixxa lill-appellat li dawk il-pilloli kienu ecstasy. L-appellat qatt ma jsemmi dan l-isem tal-pilloli li kien ha. Jghid biss li kienu l-istess u ta'kulur 'orange', u ma jaghti ebda deskrizzjoni ohra taghhom.

Sfortunatament, l-ebda pillola bhal din li l-appellat jghid li kellu ma giet elevata jew instabet mill-prosekuzzjoni. Din kienet tkun prova ferm utli biex isir l-ezami tal-komposizzjoni medika taghha, dan biex jigi stabbilit jekk verament kienetx medicina illegali ai termini tal-Kap. 31, u sekondarjament sabiex jigi stabbilit ukoll li, jekk verament kienet medicina illegali fit-termini ta' dan il-Kap., kienetx wahda specifikata w psikotropika, jew kienetx wahda aktar perikoluza, dik ristretta w psikotropika.

Ghalhekk, l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi in bazi ta' l-istqarrija ta' l-appellat biss u ebda prova ohra.

Issa, kif gja' intqal, ghalkemm l-appellat jghid li ikkunsma xi pilloli ta'kulur 'orange' li, pero', wera d-dubji tieghu x'kienu, dawn il-fatti wahedhom, kemm legalment u ragjonevolment, ma jistghux iwaslu sal-grad tac-certezza morali. Certament, l-istess stqarrija ta' l-appellat tohloq id-dubju ragjonevoli precizament ghaliex tonqos din ic-certezza morali dwar x'verament kienu dawk il-pilloli. Hu in bazi ta' dan ir-ragunament li l-ewwel Qorti dehrilha li ma setghex issib htija fl-appellat. Hu propju ghalhekk li qalghet li l-fatti kif espressi fl-akkuza ma gewx ipprovati sodisfacentement skond il-ligi, cioe' sal-grad rikjest mil-ligi.

Din il-Qorti, ghalhekk, tara li l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed tajjeb, regolarment maghmul skond il-ligi, u li, in bazi tieghu, dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni li waslet ghaliha.

Ghalhekk l-appell ta' l-Avukat Generali huwa michud u s-sentenza appellata hija konfermatha fl-intier taghha.

Aldo Testone

Deputat Registratur